# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza ta' nhar it-27 ta' Frar 2023**

**Talba nru. 145/2022**

**CREEK DEVELOPMENTS PLC**
**(C 50531)**

***VERSUS***

**DUSTIN BUGEJA**
**(ID0143392M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi permezz ta' Avviz ipprezentat fis-16 ta' Mejju 2022 is-socjeta attrici talbet lill-konvenut il-hlas ta' l-ammont ta' tmien mija tmienja u sebghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (Eur 878.25) in konnessjoni ma' servizzi ta' rmigg moghti lill-konvenut skond statement anness mat-talba.

Ra illi t-Tribunal qed jigi mitlub sabiex jiddikjara lill-konvenut bhala debitur fil-konfront tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' tmien mija tmienja u sebghin Ewro hamsa u ghoxrin centezmu u jordna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' tmien mija u tmienja u sebghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Ra illi l-konvenut gie debitament notifikat fit-18 ta' Novembru 2022 kif jidher a fol. 12.

Ra illi fl-udjenza tas-6 ta' Dicembru 2022 t-terminu ghar-risposta tal-konvenut kien ghadu ghaddej u ghaldaqstant dan it-Tribunal iddiferixxa l-kawza ghar-risposta tal-konvenut.

Ra illi fl-udjenza ta' l-14 ta' Dicembru 2022 minkejja li debitament notifikat, l-konvenut la deher ghas-seduta u lanqas ressaq risposta ghat-talbiet attrici. Ghaldaqstant dan it-Tribunal iddikjara lill-konvenut bhala kontumaci skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta u halla din it-talba ghall-provi tas-socjeta attrici.

Ra illi fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2023, il-konvenut baqa ma deherx u lanqas rapprezentant tieghu u s-socjeta attrici ressqet kapitolu fil-konfront tal-konvenut. Fl-istess seduta xehdet Sarah Gauci Carlton illi bil-gurament taghha ikkonfermat illi hija tokkupa l-kariga ta' General Manager fi hdan is-socjeta attrici u li l-konvenut huwa dovut l-ammont ta' Eur 878.25 lis-socjeta attrici ghal berthing fees li jkopri l-perjodu 4 t'Awwissu 2020 sat-12 ta' Settembru 2020. Ix-xhud iddikjarat illi l-konvenut kien hallas dak dovut minnu ghax-xahar ta' Lulju 2020 izda wara ma baqax ihallas ghal perjodu imsemmi u ghaldqstant l-ammont ghal dan il-perjodu ghadu dovut.

Ra illi t-Tribunal iddiferixxa t-talba ghas-subizzjoni tal-konvenut ghat-13 ta' Frar 2023. Izda minkejja dan anke ghal din is-seduta, l-konvenut baqa ma deherx sabiex iwiegeb ghad-domandi.

Ra l-atti processwali kollha u li din it-Talba thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidra

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din id-disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, u hekk kif registrat fl-udjenza tas-6 ta' Dicembru 2022 (a fol.13), il-konvenut kien gie debitament notifikat bl-atti processwali, izda dakinhar it-terminu relattiv sabiex il-konvenut iressaq u jintavola risposta f'din il-kawza kien ghadu ghaddej. Ghalhekk il-procediment odjern kien thalla ghal data ohra sabiex titressaq l-imsemmija risposta tal-konvenut.

Minkejja dan, il-konvenut baqa' ma ressaqx risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilu ta' l-atti u, addirittura, lanqas ma deher xi rapprezentant legali tieghu sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici fl-udjenza sussegwenti. Tali konvenut, ghalhekk, kien gie dikjarat fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi il-konferma bil-gurament min-naha tas-socjeta attrici tramite r-rapprezentanta Sarah Gauci Carlton fl-udjenza tal-31 ta' Jannar 2023 illi l-ammont mitlub ghadu dovut u tenut kont tad-dokumenti

ipprezentati u konfermati mill-istess rapprezentanta, din ghandha titqies bhala prova sodisfaċenti u kompluta u għalhekk ma hemm l-ebda raġuni sabiex jiddubita l-veraċità ta' din ix-xhieda.

Illi fl-istess udjenza l-kawza thalliet ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Illi l-konvenut baqa ma deherx ghas-seduti u sabiex iwiegeb ghad-domandi attrici.

Illi ghaldaqstant dn il-kawza thalliet ghas-sentenza abbazi tal-materjal probatorju sa dakinhar migbur in atti, u dan bl-adoperu tas-sucitat Artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tas-socjeta attrici da parti tal-konvenut izda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-konvenut baqa kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta ghamel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut/socjeta konvenuta. (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002).

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

Wara li ra d-dokumentazzjoni relattiva u sema' ix-xhieda, it-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi li s-socjeta attrici timmerita li tieħu l-ammont reklamat skont l-Avviż tat-Talba. It-Tribunal ha kont ta' dak li affermat bil-gurament Sarah Gauci Carlton ghan-nom tas-socjeta attrici inkluz l-statements ipprezentati li jghajjtu lill-konvenut ghall-perjodu 4 t'Awwissu 2020 sat-12 ta' Settembru 2020 ghal servizzi ta' rmigg.

Ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa mis-socjeta attrici u anke bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta t-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin.

**Decide**

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' tmien mija tmienja u sebghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (Eur 878.25) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mis-16 ta' Mejju 2022 li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri huma kollha a kariku tal-konvenut.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur